MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 6/2009

**Nathalie Ellul**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Mejju, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru.
>
> Ra d-decizjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tad-19 ta' Gunju 2007 u tas-16 ta' Awissu 2007.
>
> Ra l-ittra ta' l-appell.
>
> Ra r-risposta ta' l-appell tad-Direttur tal-5 ta' Mejju 2008, flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fid-19 ta' Gunju 2007, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellanti ma kenitx aktar intitolata ghall-Ghajnuna Socjali peress illi kienet persuna impjegata.

Illi permezz ta' decizjoni ohra moghtija minnu fis-16 ta’ Awissu 2007, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali iddecieda illi l-appellanti kienet thallset zejda l-ammont ta' €9,356.39 ghall-perjodu minn 13 ta' Lulju 2005 sat-13 ta' Lulju 2007, peress li kienet 'employed with children over 16'.

Illi jirrizulta b'mod car li l-appellanti dejjem tat l-informazzjoni li kienet obligata li taghti lid-Dipartiment dwar kwalsiasi tibdil fic-cirkostanzi taghha. Ghalhekk min-naha taghha, l-appellanti dejjem imxiet kif kellha timxi u dejjem osservat l-obbligi taghha. Jirrizulta wkoll illi d-Dipartiment kellu l-informazzjoni kollha ghad-dispozizzjoni tieghu fir-rigward tal-appellanti u b'hekk kellu l-mezzi kollha sabiex jinduna li kien qieghed isir zball min-naha tieghu meta baqa jhallas il-benenficcju in kwistjoni lill-appellanti.

Illi fic-cirkostanzi l-appellanti zgur li m’ghandhiex tbaghti l-konsegwenzi tan-nuqqas serju tad-Dipartiment, u l-Arbitru jidhirlu li l-Artikolu 102 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap. 318), ma jistax jinghata interpretazzjoni daqshekk wiesgha biex ikopri wkoll sitwazzjoni bhal dik tal-kaz in ezami.

Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru jidhirlu li d-decizjoni tad-Direttur datata 16 ta’ Awissu 2007 m’hijiex wahda gusta u n’ghandhiex tigi kkonfermata, u ghalhekk dan l-appell qed jigi milqugh.”

Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali appella minn din is-sentenza bl-aggravji li jsegwu:-

1. L-Arbitru ma interpretax sewwa d-dispost ta' l-Artikolu 102 (ii) tal-Kapitolu 318 u d-decizjoni tieghu hi bazata fuq koncezzjoni zbaljata;

2. L-appell ipprezentat quddiem l-Arbitru kien irritu u null stante intempestivita`;

Ghal dawn l-aggravji l-appellata Nathalie Ellul wiegbet kif gej:-

1. La hi minn dejjem ikkomunikat lid-Direttur b'kull tibdil fic-cirkustanzi taghha ma jistax jinghad li hi thallset biz-zejjed jew li rceviet flejjes li ghalihom ma kienetx intitolata;

2. L-eccezzjoni ta' l-intempestivita sollevata bit-tieni aggravju kien messha tqajmet quddiem l-Arbitru u mhux fl-istadju ta' l-appell;

Huwa necessarju illi qabel kull konsiderazzjoni ohra jigu ffissati dawn il-fatti u cirkostanzi kif jinzlu mill-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru:-

1. L-appellata kienet ir-recipjenti ta' Ghajnuna Socjali;

2. B'ittra tad-19 ta' Gunju 2007 id-Direttur baghat javzaha illi ma kienetx aktar intitolata ghal dik l-assistenza ghaliex persuna impjegata u, kif ulterjorment imfisser, ma kienetx ghadha tissodisfa l-kundizzjonijiet tas-sub-artikolu 7 ta' l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 318. Agguntivament, ukoll, li binha kien lahaq l-eta` maggorenni u kien jahdem;

3. Minn din id-decizjoni l-appellata ressqet gravam lill-Arbitru b'ittra tas-27 ta' Gunju 2007 u li permezz tieghu kkontestat lid-Direttur il-pretensjoni tieghu ghar-*refunds* ta' dak li thallas lilha ghall-ahhar sentejn;

4. Fis-16 ta' Awissu 2007 d-Direttur interpella lill-appellata biex tirrifondih is-somma ta' €9356.39 li thallas lilha ghall-perijodu bejn it-13 ta' Lulju, 2005 u t-13 ta' Lulju, 2007;

Esposti dawn il-fatti, huwa mill-ewwel evidenti illi fil-mument li fih l-appellata ressqet il-gravam taghha lill-Arbitru ma kienx ghad hemm id-decizjoni tad-Direttur domandanti r-rimbors tas-somma li hu jallega li l-istess appellata rceviet biz-zejjed. Li jfisser, allura, illi l-appellata ma setghetx, fil-mument li ressqet dak il-gravam (27 ta' Gunju, 2007), tikkuntrasta processwalment decizjoni li lanqas kienet biss tezisti, una volta din inghatat fis-16 ta' Awissu, 2007. Eppure, imbaghad, quddiem din is-sitwazzjoni d-Direttur appellanti mhux biss ma ssollevax l-opportuna eccezzjoni ta' l-intempestivita` talli, addirittura, fir-risposta tieghu quddiem l-Arbitru, ipprezentata fil-5 ta' Mejju, 2008, oppona l-kontestazzjoni ta' l-appellata wkoll bir-riferiment li ghamel ghall-previzjoni tal-ligi (Artikolu 102 tal-Kapitolu 318) dwar il-jedd tieghu li jirrikjama r-rifuzjoni tas-somma minnu eventwalment mitluba bid-decizjoni tieghu tas-16 ta' Awissu 2007. Mhux dan biss ghaliex anke waqt il-kors tal-procediment quddiem l-Arbitru hu baqa' jinsisti fuq dik il-kontenzjoni tieghu (ara t-traskrizzjoni tal-verbal tas-seduta tas-27 ta' April, 2009);

B'dan kollu quddiemha l-Qorti jkollha tikkonkorda ma' l-appellata illi f'dan l-istadju inoltrat ta' l-appell id-Direttur ma setax, kif hekk qed jaghmel bit-tieni aggravju tieghu, jissolleva l-eccezzjoni ta' l-intempestivita`. Hi gurisprudenza pacifika illi l-eccezzjoni ta' l-intempestivita` hi ta' natura dilatorja u ma hijiex attendibbli jekk ma tkunx moghtija *in limine litis*. Ara "**Fenech -vs- Zarb**", Appell Civili, 10 ta' Ottubru, 1952 u "**Spiteri -vs- Ellul**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Mejju, 1965. F'dawn ic-cirkostanzi, ukoll jekk ma ssemmietx, l-Arbitru lanqas ma tista' tigi censurata b'xi ultra petizzjoni in kwantu hija okkupat ruhha minn materja li kienet taqa' fil-limiti tas-sottomissjonijiet u tal-precizazzjonijiet ifformulati mill-partijiet fil-kors tal-

procediment, u, konsegwentement, id-decizjoni taghha ma tistax tinghad li ma kellhiex rabta mal-kontenut sostanzjali ta’ l-impunjattiva quddiemha mill-appellata prezenti u dik ta’ l-opposizzjoni mid-Direttur ghaliha. Jikkonsegwi minn dan illi t-tieni aggravju qed jigi skartat ghaliex gurdikament inattendibbli;

Fuq l-ewwel motiv ta’ aggravju s-sentenza appellata turi li l-Arbitru rragonat illi, gjaladarba l-appellata (appellanti quddiemha) dejjem ipprovdiet l-informazzjoni pertinenti dwar tibdil fic-cirkostanzi taghha, b’mod li d-Direttur seta’ jirregola ruhu, l-appellata ma kellhiex tbati l-konsegwenzi ta’ l-izball kommess mid-Direttur li baqa’ jhallas il-beneficcju;

Din il-Qorti kif presjeduta kellha diga` l-opportunita` li tikkunsidra materja identika permezz tad-decizjoni taghha tat-22 ta’ Mejju, 2009 in re: “**Sonia Catania -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”.  Fiha gie premess b’motivazzjoni ghall-akkoljiment ta’ l-appell tad-Direttur dan li gej:-

1. Ir-rekwizit ta’ l-Artikolu 30(7) ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali jifforma n-nukleju fundamentali tar-rapport guridiku interkorrenti bejn l-Istat u l-beneficcjarju.  Id-Direttur, *qua* rapprezentant ta’ l-Istat, kien fl-obbligu li jaccerta ruhu mhux biss mill-ezistenza ta’ dak ir-rekwizit ghall-fini li jipprovdi l-ghajnuna socjali izda wkoll ghall-iskop tal-kontinwita` ta’ dik l-istess ghajnuna;

2. F’termini previdenzjali d-dixxiplina normattiva fl-Artikolu 102 ghandha l-gustifikazzjoni taghha f’dik l-esigenza li jigi evitat arrikkiment indebitu ghal min jircievi l-assistenza b’dannu ghall-kollettivita`;

3. Rigwardat anke mill-ottika tal-karattru oggettiv stabbilit fl-Artikolu 1147 (1) tal-Kodici Civili, ghall-Artikolu 102 predett mhux tant rilevanti l-ipotesi ta’ l-izball fid-Direttur ghax dak li hu aktar fundamentali hi l-verifika tan-nuqqas ta’ gustifikazzjoni ghall-hlas li sar;

4. Avolja l-appellata kienet in bwona fede u dejjem fornit l-informazzjoni debita, l-istess ma kienx ibiddel l-qaghda sija jekk rigwardata mil-perspettiva ta' l-Artikolu 1147 (1), Kapitolu 16, sija minn dik ta' l-Artikolu 102 (ii) tal-Kapitolu 318. "Anzi fir-rapport bejn il-privat u l-amministrazzjoni pubblika dan ghandu jircievi aktar forza";

Il-Qorti ma ssibx li tezisti ebda raguni biex, ukoll f'dan il-kaz, ma tikkonfermax r-riflessjonijiet li ghamlet fis-sentenza enuncjata.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju l-Qorti qed tilqa' l-appell u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata, spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------